L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 1 ta’ Awissu, 2003

## Fiex ifakkarni Johnny Debt?

Smajtu b’Johnny Debt? Smajtu jew ma smajtux bih zgur li ghad tbatu minn taht idejh! Ghax dan Johnny Debt li l-Mulej baghtu jezisti fostna, ftit li xejn hemm mezz biex inkunu nafu dak li qeghdin insofru minnu hux kagun hu jew le. Ahna nistghu biss inhossu l-ugigh – x’jismu dak li qieghed jikkagunah ftit li xejn ikun jaf l-istess milqut!

Bla dubju ta’ xejn ahbar li laqtet lil hafna nies il-gimgha l-ohra kien xejn hlief l-i*statement* ta’ Johnny fuq il-qaghda finanzjarja ta’ pajjizna. Ghajnejh kien fihom l-istess kisra li kellhom dawk ta’ Clinton meta tkellem dwar il-kwistjoni Lewinsky… l-istess imbarazzament kien mohbi wara l-hbub.

U halqu kien qisu xufftejn kaxxa ta’ l-ittra jekk tistghu timmaginawha! Johnny deherli li kien qisu xi kok li pprepara xi platt mor u velenuz, u kellu jservih u jduqu hu stess! Insomma, jfakkarni f’hafna karattri dan Johnny, barra f’Ministru serju tal-Finanzi!

Qabel l-elezzjoni konna nitkellmu dwar 100 miljun. B’kumbinazzjoni, issa, ukoll qeghdin nitkellmu dwar 100 miljun! Qabel konna nahsbuhom gejjin shan shan mill-Unjoni! Issa qeghdin nikkwotawhom dejn tal-pajjiz! Kif inqalbet il-folja!

Mela dan Johnny bassar li l-izbilanc se jkun ta’ 4.5% tal-PGD f’idejn. F’daqqa wahda sar jaf li din is-sena se tispica b’7% tal-PGD. Dan ifisser li d-deficit se jun ta’ 70% aktar milli mmira Johnny Debt. Mira tajba! Allahres kellu johrog ghall-imlievez! B’rata prezenti ta’ 8% tal-PGD flok malvizz Johnny jispicca jolqot ras is-sagristan li qieghed jillostra lsien il-qanpiena fil-kampnar tal-knisja tar-rahal!

Id-dejn pubbliku zdied b’Lm137.5 miljun fuq is-sena l-ohra hux qieghed nghid sewwa? …“U, iva! Miljun’ l hawn u miljun ’l hemm!” – valías dak min kien li qalha?

Imma lili Johnny qatt ma jieqaf jisorprendini! Ghax kliemu ghal min irid jifhmu, huwa ktieb miftuh. Johnny Debt ammetta li wiehed mill-aktar oneri tal-finanzjarji fuq il-pajjiz kien l-ewwelnett l-Isptar *Mater Dei*. Hawnhekk nibda billi nikkoregieh. S’issa l-Isptar *Mater Dei* rajnieh biss fuq il-*computer*. Kull ma jezisti tal-Qroqq huwa parti mill-gebel u s-soqfa ta’ *Mater Dei* flimkien ma’ erba’ toroq madwaru li qalghulna fwiedna biex ilestuhom!

Ta’ min jghid ukoll li l-iskoss fix-xoghol ta’ l-isptar u cioè l-ispinta ta’ l-ahhar saret qabel l-elezzjoni kumbinazzjoni fejn il-Gvern nefaq iktar milli kellu f’idejh biex juri li taparsi hawn xi prosperità fil-pajjiz.

It-tieni raguni ghax fil-pajjiz jezisti dan id-dejn kollu hija wahda li meta smajtu jghidha nfqajt nidhak. Zewg elezzjonijiet! Nerga’ nikkoregieh u nghidlu li ma kinux zewg elezzjonijiet, izda referendum u elezzjoni generali. Wara kollox kien hemm ukoll elezzjonijiet ohra – dawk tal-Kunsilli Lokali. Kemm qallu l-Partit Laburista biex jaghmel biss elezzjoni! Imma, insomma, ghal Johnny, sitta u sitta tnax!

Mhux minn but il-poplu hargu! Ghal li jista’ jkun qieghed jirrealizza li seta’ frankalna miljun lira? Imma, insomma, ma nergghux ninsew il-motto tal-Partit Nazzjonalista ‘miljun ’l hawn u miljun ’l hemm! Eh, Johnny!

It-tielet raguni wkoll kienet wahda tajba però. L-immigranti Ilegali! S'issa dejjem ghamilna ghagha ghax harab habsi. U Johnny jigi jghidilna li qeghdin nonfqu l-flus fuq l-immigranti llegali gimgha wara li harbu mhux wiehed, imma 54 mill-Floriana! U xahar wara l-irvellijiet! Fuq nota ohra nfakkru wkoll li kliemu gie wkoll wara xi xahar li ta l-libertà lil diversi detenuti f'Ta' Kandja. Ghalkemm dak qatt mhu gest li wiehed jiddeplorah ihassibni hazin kliem il-Ministru llum. Forsi l-istrategija flok kienet att ta' karità kienet mod biex jipprova jnehhi l-piz?

U, il-problemi ta' Johnny jkomplu. Il-haddiema tal-Gvern li ghazlu li jirtiraw kmieni kienu r-raba' raguni li ta. Hawnhekk nghidlu li f'dan ir-rigward, dan huwa biss il-bidu. Kien jaf mill-ewwel, hu u l-Ministri l-ohrajn shabu, li bi shubija shiha s-settur ta' l-impjiegi se jsir aktar ma jmur, aktar gholi ghall-gvern. Heqq! Il-gvern iktar jaqbillu li kulhadd ikun impjegat milli jhallas flejjes biex ikecci n-nies bil-pulit, kif ukoll biex ihallas flejjes lil dawk li jirregistraw ghax ma sabux xoghol mal-privat.

U fl-ahhar minn l-ahhar f'pajjiz fejn kulhadd huwa mejjet ghal loqma il-Gvern jispicca jhallas spejjez ohra aktar biex jiggieled il-kriminalità li hi direttament marbuta man-nuqqas ta' flus fi bwiet il-poplu.

L-ahhar raguni hija wkoll wahda helwa u kulurita. Vjola, isfar, blu u ahmar ma' kullimkien. Fjura fejn l-ohra miftuhin sajf u xitwa. Haddiema jsaqquhom kull gimgha. Dik kienet il-prijorità tal-Gvern qabel l-ahhar elezzjoni. Li jwarrad il-paesagg Malti. U, issa, qeghdin nghidu li nfaqna wisq flus fiha! Anzi, qeghdin nghidu li ntefqu l-miljuni! Ma nafx minn fejn il-Gvern irnexxielu jsib dawn il-flejjes kollha biex jitfa' l-fjuri fir-*roundabouts* u b'liema mod iddecieda li n-nies jippreferu *roundabouts* ikkuluriti flok toroq lixxi! Imma Johnny ihobb il-fjuri u Eddie ried bilfors 'Rebbiegha Gdida' li flok rebbiegha gabet wiehed mill-aktar sjuf shan – xi trid taghmel?!

Wiehed mill-kummenti ta' J.D. kien jghid li qala' iktar taxxi. Dak m'hemmx bzonn jghidilna ghax nafuh u nhossuh! U ma qalax bizzejjed mill-multi! Mela sewwa nghid jien li l-multi qeghdin iservu ta' introjtu tajjeb ghall-Gvern – li m'ghandux ikun. Ma niskantax nisma' li xi Ministru jaghmel xi laqgha lill-*wardens* u lill-pulizija biex iheggighom jaghmlu xogholhom b'aktar dedikazzjoni fil-gimghat li jmiss! Min-naha l-ohra nghidlu lil dan Johnny ma joqghodx ifakkarna kull meta jitkellem li mhux se jkollna pensjoni! Ahjar ihalli z-zmien ghaddej fil-kwiet.

Xi haga ohra laqtitni li fl-ahhar Johnny qieghed jiftah ghajnejh li l-Ministri tal-Partit tieghu jonfqu zejjed. Din kont smajtha, xi darba, minghand il-Partit Laburista – jew fuq xi gazzetta jew fuq ir-radju! Dawk il-karozzi kollha lussuzi, safar 'l hemm u 'l hawn jekk mhux l-impjieg jinholoq apposta biex iserrah xi bazuzlu. Min-naha l-ohra huwa attentat tajjeb minn J.D. li jwahhal fil-Ministri l-ohra shabu halli ma jidhirx ikrah wahdu. Imma nduna naqra tard wisq li qeghdin jonfqu zzejjed. Nispera li sservieh lezzjoni ghax-xhur u s-snin li gejjin.

Jien lil dan Johnny ghadni qieghda nipprova nifhmu. Il-Ministeru messu johrog avviz ghal volontarji biex jahdmu s-sommom tal-Gvern – b'*'O' Level Accounts* bizzejjed, forsi jilluminaw naqra lil dan Johnny Debt – ghax aghar minn hekk qatt ma seta' jaghmel. Ghax fl-ahhar mill-ahhar dan Johnny qieghed jitkellem fuq is-sitwazzjoni kif inhi s'issa.

U dan mar zmerc fuq kemm se jonfoq fuq suq li ghandu esperjenza kbira tieghu ahseb u ara kemm ma marx zmerc meta kkalkula n-nefqa li se tigih biex jappunta l-bordijiet kollha rikjesti minn shubija shiha ta' l-Unjoni Europea, l-*upgrading* ta' certi sistemi, u dak kollu li hemm bzonn biex insiru membri shah.

Imma ma ninsewx haga wahda, Johnny jista' jserrah rasu ghal darb'ohra ghax issa dalwaqt jahbi l-inflazjoni meta naqilbu ghall-munita Euro. Ghax il-poplu digà mhawwad fin-numri, cifri u figuri – jithawwad naqra ohra u ma jibqa' jifhem xejn. U l-poplu ma jinkwetax meta ma jifhimx il-hazin izda meta jifhmu!

U nfakkru wkoll li ma jehodhiex bi kbira jaqla’ wkoll xi multa minghand l-Unjoni jekk jipprova jaghmel l-affarijiet kif gieb u lahaq! Ghax il-multi hemm qeghdin. U s’issa dejjem irranga minn tieghu f’tieghu imma, issa, ix-xoghol se jkun differenti. Se jkollu s-surmast fuqu.

Izda wara kollox, dan Johnny, xorta se jorqod bil-lejl ghax il-kont personali tal-bank tieghu baqa’ bla minsus. Il-multi u l-effetti hziena fuq l-ekonomija qatt m’hu se jbatihom wahdu. Hemm jien u int nghinuh.

**Esperjenzi tal-gimgha li ghaddiet**

Xi haga li ssorprendietni ferm fil-gimghat li ghaddew, kif rajn sewwa l-ucuh taz-zewg Libjani, li gew akkuzati intortament bl-istupru fil-Floriana u ma rajniex wicc il-Malti li ammetta li wettaq l-istupru. Mhux ghax nixtieq lil xi wicc jidher, izda jew turi ta’ kulhadd jew ma turi ta’ hadd. Jaqaw, ahna poplu li ma jiddiskriminax?

Il-gimgha li ghaddiet iltqajt ma’ tfajla li ghandha seba’ certifikati f’suggetti f’livell Ordinarju, li, ilha tmien xhur ma tahdem. Li kont naf dwarha jien u li ma qaltliex hi, kien, li missierha wkol ilu daqs sena bla xoghol ghax tkecca. Dan huwa l-futur Ewropew li weghduna?

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net